# BEATLES

*Għalkemm lè jgħannu, lè iżda jistmerru*
*l-uċub ta' dawk iż-żgħażagħ, huma xtaqu*
*mal-moda tagħhom jimxu u r-ras ikerrhu;*
*u dlonk tad-drawwa l-ġdida l-ħlewwa daqu.*

*B'surthom id-dwejjaq tad-dinja jderru.*
*Mal-ħmir ta' Don Giovanni ż-żwiemel saqu:*
*għajnejhom fuq tfajliet dejjem iġerru,*
*fil-għażż fuq bank f'xi ġnien ix-xemx jilagħqu.*

*Illum is-saltna ta' kull arti tagħhom,*
*fid-daqq, fil-għana, ukoll fil-poeżija.*
*Kull ġenn ta' moħħ tarah issieħeb magħhom.*

*Bi sbuħithom ixejnu kull sbuħija,*
*ir-Reġina ma' sħabhom b'ġieh tilqagħhom*
*xtaqu, lè kisbu, għax ċaħdu r-Ruħ Maltija!*

A. CREMONA